# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tnejn, 2 ta' Marzu 2020**

**Talba numru 208/2019SFJ**

***PERIT RAYMOND SAMMUT (625558M)***
***VS.***
***LORNA JANKOVIC (412773M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fid-9 ta' Awwissu 2019 li permezz tiegħu l-attur ippremetta u talab:

> *"1. Illi l-konvenuta hija debitriċi tal-attur fis-somma ta' elf u tlett Ewro (€1,003) u dan wara li l-konvenuta inkarigat lill-attur sabiex jippresta diversi servizzi professjonali, liema servizzi ġew debitament reżi mill-attur lill-konvenuta u dan kif jirriżulta aħjar mill-fattura hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. A';*
>
> *2. Illi l-konvenuta minkejja li ġiet debitament interpellata tħallas lill-attur, baqgħet inadempjenti;*
>
> *3. Illi għalhekk kellha tiġi addottata din il-proċedura.*
>
> *Tgħid għalhekk il-konvenuta għaliex m'għandhiex tkun ikkundannata minn dan ir-rispettabbli Tribunal tħallas lill-attur is-somma ta' elf u tlett Ewro (€1,003) u dan prevja kull provvediment jew dikjarazzjoni oħra.*
>
> *Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 431/2019 intavolata a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u bl-imgħax sal-jum tal-ħlas effettiv kontra l-konvenuta li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni."*

Ra r-Risposta tal-konvenuta ippreżentata fil-11 ta' Settembru 2019 li fiha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

> "*Illi t-talbiet kollha mressqin mill-attur inkluż dik għall-ħlas tas-somma pretiża minnu qed jiġu kkontestati stante li dawn għandhom jirriżultaw li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt inter alia (iżda mhux limitatament) stante li:*
>
> *i.* *Qatt ma kien hemm qbil jew aċċettazzjoni tal-fees li l-attur qed jippretendi li għandu jitħallas għas-servizzi li kienu ser jiġu reżi minnu minkejja li l-esponenti kemm-il darba staqsiet għal indikazzjoni tal-istess;*
>
> *ii.* *Illli l-attur naqas ukoll milli jiġġustifika fid-dettal il-quantum mitlub minnu u r-rati wżati minnu biex wasal għall-istess kont;*
>
> *iii.* *Illi l-esponenti hija tal-fehma li l-kont maħruġ mill-attur jinkludi servizzi li hija kienet għadha ma awtorizzatux biex jipprovdi u li kienet għadha ma ftehemitx miegħu dwarhom;*
>
> *iv.* *Illi in vista ta' dan kollu l-esponenti ddeċidiet li hija tirrifjuta milli tipprevalixxi ruħha mis-servizzi tal-istess attur u li b'hekk ebda somma ma għandha titqies li hi dovuta lilu;*
>
> *Salv eċċezzjonijiet oħra.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-attur inklużi dawk inkorsi in konnessjoni mar-risposta ntavolata mill-esponenti wara l-ittra uffiċjali 166A numru 431/2019 li l-attur kien ippreżenta kontra l-esponenti qabel dawn il-proċeduri.*"

Sema' x-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata, sema' t-trattazzjoni finali li saret tul is-seduta tal-20 ta' Jannar 2020 u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-2 ta' Marzu 2020.

**<u>Provi ippreżentati</u>**

L-attur xehed in eżami fl-udjenza tas-7 ta' Ottubru 2019. Huwa xehed li ltaqa' mal-attriċi f'Mejju 2018 ir-Ramla Bay Hotel meta hija kienet taħdem hemm. Hi kienet staqsietu setax jagħmel *regularisation* tar-residenza tagħha għax il-perit tagħha ma setax jaqdiha. L-attur wieġeb fl-affermattiv u eventwalment ġie kkonfermat appuntament. L-attur mar ikejjel fil-post tal-konvenuta u dam madwar ftit aktar minn sagħtejn u mbagħad beda d-*drawings* abbażi l-kejl li kien ħa. Meta rriżultalu li kellu xi qisien neqsin, huwa ffissa appuntament ieħor mal-konvenuta u mar ħa xi qisien oħra biex jikkonkludi. Wara dan, huwa kompla bid-*drawings* u beda jipprepara biex jagħmel l-applikazzjoni għar-regolarizzazzjoni kif kien il-ftehim li kellu mal-konvenuta. Meta din tatu d-dettalji kollha, huwa rrealizza li l-fond relattiv kien f'isem missierha u mhux f'isimha *proprio*. L-attur qal li minkejja li huwa talabha d-dettalji tal-papà tagħha diversi drabi, hija ġabet l-iskużi u qatt ma tathomlu. Darba fost l-oħrajn, l-attur qal lill-konvenuta b'ċerta insistenza li sabiex il-proċedura ssir, hi kellha tagħtih id-dettaji ta' missierha sabiex il-proċedura tfittex issir. Il-konvenuta mbagħad infurmat lill-attur li hi kienet qed tkun titubanti għax missierha ried ikun jaf kemm kienet ser tiswa l-proċedura b'kollox. L-attur imbagħad bagħat *e-mail* lill-konvenuta bil-kont kollu li kien jammonta għal disa' mija u ħamsin Ewro iżda billi l-attur taha skont ta' mitt Ewro, l-kont kollu ammonta għal tmien mija u ħamsin Ewro (€850) <u>eskluża</u> t-taxxa fuq il-valur miżjud (*VAT*).

Madwar ġimgħatejn wara li bagħat l-*e-mail*, l-attur staqsa lill-konvenuta x'kien ser isir, jiġifieri jekk kinux ser ikomplu. Il-konvenuta weġbitu li kienet ħadet xokk meta rċeviet il-kont u talbet żmien għall-ħlas. L-attur ma sabx problema b'dan u taha l-possibilità li tħallsu bil-mod il-mod. Il-konvenuta donnha aċċettat dan iżda l-pagamenti mwiegħda qatt ma waslu. F'dak l-istadju, l-attur ħareġ *invoice* uffiċjali iżda baqa' ma tħallasx. L-attur irrefera għall-*invoice* ippreżentata mal-Avviż tat-Talba, jiġifieri dokument A (fol. 2 tal-proċess) u kkonferma li dik kienet l-*invoice* li għaliha kien qiegħed jirreferi.

L-attur spjega li l-ammont indikat fl-*invoice* relattiva kien jinkludi dawk id-drabi li mar ikejjel fil-fond relattiv, it-tpinġija tal-pjanti, ir-ritratti li kellhom isiru f'ċerta *format* speċjali u s-*site plan*. Sammut ippreċiża li d-darbtejn li mar ikejjel fuq il-post ħa bejn sagħtejn u tlett sigħat kull darba u kien hemm jumejn xogħol għad-*drafting* bir-rata ta' bejn ħamsa u tletin Ewro (€35.00) u erbgħin Ewro (€40.00) kull siegħa. L-attur kompla jgħid li l-konvenuta qatt ma staqsietu dwar kemm kienet ser tiswa l-proċedura ħlief meta hu kien lesta x-xogħol u kien wasal biex jissottometti l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar.

Permezz ta' nota, l-attur ippreżenta numru ta' *screenshots*, *e-mails*, pjanti u ritratti (fol. 16 sa 30 tal-proċess).

F'dan l-istadju, l-attur għalaq il-provi tiegħu, kif jidher mill-verbal tas-7 ta' Ottubru 2019.

Il-kontro-eżami tal-attur sar fl-udjenza tal-25 ta' Novembru 2019. B'referenza għal *e-mail* datat 24 ta' Lulju 2018, l-attur qal li meta l-konvenuta bagħtitlu *e-mail* fl-24 ta' Lulju 2018 sabiex tistaqsih kemm kien ser ikollha tħallsu, hu kien diġà lesta x-xogħol. L-attur kompla jgħid li meta l-konvenuta nkarigatu, hi qatt ma staqsietu l-prezz. Huwa kompla jaħdem u ġie mistoqsi l-prezz meta kien kważi kollox lest.

Skont l-attur, qabel inbdew ix-xogħlijiet, jiġifieri meta l-partijiet iltaqgħu għall-ewwel darba, qatt ma sar diskors dwar pagamenti. Anzi, il-konvenuta kienet interessata biss li tirregolarizza l-fond relattiv billi għal xi raġuni, il-perit li normalment kienet tqabbad ma setax jagħmlilha dak ix-xogħol.

L-attur xehed li kien normali, anzi l-prassi ta' ħafna periti, li mhux neċessarjament javżaw lill-klijent tagħhom minn qabel kemm ser ikun il-ħlas dovut għas-servizzi pprestati. Sammut kompla jispjega qabel xejn li meta hu kien dam xi ftit biex jagħtiha l-ewwel appuntament, kienet hija stess li ċemplitlu u staqsietu meta kien ġej għandha. Hu xehed ukoll li skontalha mitt Ewro (€100) mill-kont billi kien jafha mix-xogħol tagħha r-Ramla Bay Hotel. L-attur kompla jgħid qabel xejn li ġeneralment, qabel jara eżatt il-post u x-xogħol involut, huwa ma jkunx jaf eżattament x'ser ikun jinvolvi x-xogħol u barra minn hekk, hu kien tal-fehma li l-*fees* tiegħu kienu iktar baxxi minn periti oħrajn u għalhekk ma deherlux li kellu joqgħod joħroġ stima.

Meta l-avukat tal-konvenuta donnu ried jagħti l-impressjoni (domanda a fol. 34) li x-xogħol kollu li għamel il-perit kien jikkonsisti f'żewġ aċċessi fil-fond relattiv, il-perit wieġeb li "*meta tgħid 2 meetings ma jfissirx illi huwa 2 meetings.*" Huwa spjega li mar fuq il-post biex jieħu l-qisien.

Fl-istess udjenza xehed Slobodan Jankovic bl-Ingliż in eżami. Huwa qal li kien iltaqa' mal-attur darbtejn fl-appartament relattiv fil-Qawra. Huwa qal ukoll li martu Lorna kienet talbet lill-attur imur l-appartament tagħhom u jara l-affarijiet. Skont ix-xhud, martu l-konvenuta kienet dejjem tistaqsi lill-attur kemm ser tkun tiswa l-proċedura iżda huwa qatt ma wieġeb, anzi dejjem qal lill-konvenuta "*we will arrange, we will see*" (kliem ix-xhud Slobodan Jankovic traskritti a fol. 35). Jankovic kompla jgħid li fiż-żewġ okkażjonijiet li l-attur żar l-appartament, ma damx iktar minn madwar ħmistax-il minuta u lanqas biss kellhom karta waħda minn dak kollu li kien allegatament għamel l-attur u għalhekk qatt ma setgħu jagħmlu użu minn kwalsiasi xogħol li seta' għamel.

Tul l-istess udjenza, sar il-kontro-eżami tax-xhud Slobodan Jankovic. Essenzjalment, huwa qal li kien hemm okkażjonijiet fejn martu u hu qabbdu perit u ħallsu lill-perit. Fir-rigward tal-mertu tal-każ, huwa qal li kien sema' lil martu tistaqsi lill-perit dwar il-*fees* tiegħu meta dan kien fil-fond relattiv. Jankovic qal li kien jaraha stramba li l-perit, mistoqsi sabiex jagħti xi ħjiel dwar il-miżati pagabbli numru ta' drabi, ma tax ħjiel. Għax-xhud, dak kien sinjal li aktarx il-kont ma kienx ser ikun irħis. Ix-xhud aċċetta li kien normali li l-perit kellu jaċċedi fil-fond darbtejn sabiex jara s-sitwazzjoni iżda xorta qal li tal-anqas, il-perit seta' għall-anqas qal f'liema *range* ta' prezz kien ser ikun il-kont finali. Bħala eżempju, Jankovic qal li l-perit oriġinali li kienu

qabbdu iżda li ma setax jaħdmilhom kien qalilhom li proċedura bħal din kienet ser tiġihom bejn tlett mija u ħamsin Ewro u ħames mitt Ewro (bejn €350 u €500).

Fir-ri-eżami li sarlu, Jankovic qal li meta martu u hu ġieli qabbdu periti oħrajn fil-passat, kienu talbu informazzjoni dwar il-prezz u din kienet ingħatatilhom.

Fl-udjenza tat-20 ta' Jannar 2020 xehdet il-konvenuta. Hija bdiet billi qalet li qabel xejn, hija talbitu stima sabiex tkun taf kemm ser tkun tiswiha regolarizzazzjoni. Skontha, huwa wieġeb li kellu qabel xejn imur fuq il-post sabiex jarah. Meta reġgħet staqsietu għal kwotazzjoni, huwa wieġeb li kellu jerġa' jmur. Il-konvenuta xehdet li hija qatt ma tat awtorizzazzjoni formali biex isir ix-xogħol wara l-*e-mail* tal-24 ta' Lulju 2018. Missierha kien jinsab irrabjat għax kien qal li ma riedx jidħol għal affarijiet qabel ikun jaf eżatt kemm kienu ser jiswew. L-applikazzjoni għal regolarizzazzjoni qatt ma kienet saret u l-konvenuta qalet li qatt ma kienet rat xejn minn dak li allegatament għamel l-attur. Saret referenza għad-dokument li jinsab fol. 21 li huwa *screenshot* ta' messaġġ fejn il-konvenuta allegatament tat struzzjonijiet lill-attur bil-kliem "*pls proceed*", jiġifieri qaltlu sabiex ikompli miexi. Hija qalet li dak il-messaġġ kien jirrigwarda mhux il-mertu ta' din il-kawża iżda xogħlijiet li l-attur kien qiegħed jagħmel għall-entità li magħha kienet taħdem il-konvenuta.

Il-konvenuta xehdet ukoll in kontro-eżami u kkonfermat l-*e-mails* u l-messaġġi minn fol. 22 'il quddiem. Madankollu, hija ċaħdet li l-attur dam fil-fond tagħha sagħtejn jew tlett sigħat u qalet li dam bejn għaxar minuti u ħmistax-il minuta kull darba. Hi qalet li meta mar, il-perit sempliċement dar dawra mal-post ("*He just walked around the flat*"). Il-konvenuta spjegat li hija damet biex tat risposta lill-perit meta hu beda jitlobha xi dettalji kienet li hi qatt ma kienet taf kemm kienet ser tiswa l-proċedura. Qalet ukoll li hu qatt ma taha risposta dwar dan u dejjem baqa' għaddej bix-xogħol meta skontha, ma kellux għalfejn ikompli. Il-konvenuta qalet li hija qatt ma kienet qed tistenna kont u anzi, kif seta' l-attur jibgħat kont għal servizzi pprestati meta hija qatt ma qaltlu formalment sabiex imexxi? Il-konvenuta xehdet li hija riedet lill-perit sabiex jagħtiha stima għall-proċedura kollha tar-regolarizzazzjoni.

**<u>Il-messaġġi u l-*e-mails* skambjati</u>**

It-Tribunal jirreferi għall-messaġġi u l-*e-mails* skambjati bejn il-partijiet u ser jiddeskrivi dawn fid-dettal hawn taħt:

<u>*Messaġġi*</u>

- Fl-**24 ta' Mejju 2018**, il-konvenuta talbet lill-attur sabiex jagħtiha appuntament sabiex imur għandha u jara l-post għall-eventwali regolarizzazzjoni (fol. 17 tal-proċess).

- Fit-**30 ta' Mejju 2018**, ġie miftiehem li l-attur kellu jżur il-fond tal-konvenuta fil-31 ta' Mejju 2018 fl-4:00 ta' wara nofsinhar (fol. 18 tal-proċess).

- Fil-**15 ta' Ġunju 2018**, il-konvenuta fakkret lill-attur dwar il-proċess tar-regolarizzazzjoni. L-attur wieġeb li kellu bżonn jerġa' jżur il-fond sabiex jiċċekkja xi qisien (fol. 18 u 19 tal-proċess).

- Fid-**19 ta' Ġunju 2018**, il-konvenuta nfurmat lill-attur li żewġha kien ser ikun id-dar fl-20 ta' Ġunju wara nofsinhar u għalhekk hu, jiġifieri l-attur, seta' jżur il-fond (fol. 19 tal-proċess).

- Fid-**9 ta' Lulju 2018**, il-konvenuta fakkret lill-attur li kellu jerġa' jmur għandhom u l-attur iffissa appuntament għall-Ħamis ta' wara fid-9:00 ta' filgħodu (fol. 19 tal-proċess).

- Fil-**11 ta' Lulju 2018**, l-attur informa lill-konvenuta li ried xi dettalji, fosthom indirizz, *postcode*, *e-mail address*, numru tal-karta tal-identità u dettalji simili. Il-konvenuta wieġbet billi staqsiet jekk l-

attur riedx id-dettalji tagħha jew id-dettalji ta' missierha. L-attur qalilha li ried id-dettalji tal-missier (fol. 20 tal-proċess).

- Fis-**16 ta' Lulju 2018**, l-attur fakkar lill-konvenuta li kellha tagħtih id-dettalji kollha u li ma kien irċieva ebda risposta mingħandha (fol. 20 tal-proċess).

- Fl-**24 ta' Lulju 2018** il-konvenuta nfurmat lill-attur li qabel tiġi sottomessa l-applikazzjoni, missierha ried ikun jaf kemm l-ispejjeż kollha involuti (fol. 21 tal-proċess).

*E-mails*

- Fit-**12 ta' Lulju 2018**, l-attur bagħat lill-konvenuta "*updated and completed drawings*" li bħala *attachments* kienu mmarkati "*Section AA*" u "*Plan and Elevation*" (fol. 22 tal-proċess).

- Fis-**17 ta' Lulju 2018**, il-konvenuta wieġbet lill-attur u qaltlu li d-*drawings* li kien bagħat kienu jidhru tajbin. Il-preċiżi kelmiet tal-konvenuta kienu "*the attached all look fine for me*" (fol. 22 tal-proċess).

- Fit-**23 ta' Lulju 2018** l-attur bagħat *e-mail* lill-konvenuta fejn talabha d-dettalji relattivi. Il-konvenuta wieġbet fl-istess ġurnata bid-dettalji kollha li ried l-attur (fol. 22 tal-proċess).

- Fit-**23 ta' Lulju 2018**, l-iskambju tal-*e-mails* kompla billi l-attur irringrazzja lill-konvenuta talli kienet ittrażmettiet id-dettalji relattivi. L-attur bagħat *ownership declaration form* li kellha tkun iffirmata minn missier il-konvenuta. Wara dan, missier il-konvenuta kellu jiffirma l-*application form* innifisha. (fol. 23 tal-proċess).

- Fl-**24 ta' Lulju 2018**, permezz ta' *e-mail*, il-konvenuta nfurmat lill-attur li riedet tkun taf kemm ser tiġi tiswa l-proċedura kollha u dan <u>qabel</u> ma tiġi sottomessa l-applikazzjoni. Il-konvenuta qalet li missierha ried ikun jaf (fol. 23 tal-proċess).

- Iktar tard fl-**24 ta' Lulju 2018**, l-attur informa lill-konvenuta li x-xogħlijiet relatati mal-applikazzjoni kienu lesti u kien jonqos biss il-firem tal-konvenuta u/jew missierha. L-attur qal li ordinarjament, il-prezz kien ta' €950.00 iżda kien ser jagħtiha skont u jieħu biss €850.00 tax-xogħol tiegħu oltre €53.00 spejjeż tal-applikazzjoni nnifisha (fol. 23 tal-proċess).

- Fis-**26 ta' Lulju 2018**, l-attur informa lill-konvenuta li l-miżati tal-Awtorità tal-Ippjanar relattivament għar-regolarizzazzjoni tal-appartament kienu ser ikunu madwar €1,500.00 u li l-ammont preċiż kien ser ikun iddeterminat mill-awtorità stess (fol. 23 tal-proċess).

- Fl-**20 ta' Settembru 2018**, l-attur bagħat *invoice* lill-konvenuta (fol. 23 tal-proċess).

- Fl-**1 ta' Ottubru 2018**, il-konvenuta bagħtet *e-mail* pjuttost twila lill-attur fejn wriet li kienet sorpriża bl-ammont u qalet, fost affarijiet oħrajn, li hija qatt ma kienet awtorizzat ix-xogħlijiet relattivi (fol. 24 tal-proċess).

<u>**Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**</u>

*<u>L-ewwel, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-konvenuta</u>*

Il-konvenuta targumenta:

- Illi qatt ma kien hemm qbil dwar il-*fees* relattivi u hi qatt ma aċċettat li tħallas l-ammonti relattivi nonostante li hi talbitu jinfurmaha dwar il-*fees* diversi drabi;

- Illi l-kont maħruġ mill-attur kien jinkludi servizzi li l-konvenuta ma kinitx awtorizzatu jipprovdi; u

- Illi fid-dawl ta' dak kollu, hija ddeċidiet li ma riditx iktar is-servizzi tal-attur u għalhekk ebda somma ma kienet dovuta lilu.

It-Tribunal sejjer jibda sabiex jindirizza l-kwistjoni dwar jekk qatt kienx hemm qbil dwar kemm kellu jitħallas l-attur.

Mill-messaġġi u l-*e-mails* ippreżentati, jidher ċar li l-konvenuta qatt ma qalet li hija riedet tkun taf kemm kienet ser tiswa l-proċedura kollha. **Hija għamlitha ben ċara li hija kienet qed tistaqsi dwar il-prezz komplessiv fuq l-insistenza ta' missierha.** Dan huwa evidenti mill-messaġġi li jinsabu a fol. 21 tal-proċess u mill-*e-mails* li jinsabu a fol. 23 tal-proċess.

Mill-messaġġi biss, jidher ċar li bejn l-24 ta' Mejju u d-9 ta' Lulju 2018, il-konvenuta kienet talbet lill-attur sabiex iżur il-fond tagħha sabiex tinbeda l-proċedura tar-regolarizzazzjoni u addirittura fakkritu li kellu jmur għandha. **Iżda minn imkien ma jirriżulta li l-konvenuta, f'dan iż-żmien kollu, qalet lill-attur permezz ta' messaġġ jew *e-mail* li huwa ma kellux jibda jew ikompli x-xogħlijiet qabel jagħtiha stima jew imqar indikazzjoni tal-prezz globali tax-xogħol tiegħu.**

Il-konvenuta u żewġha xehdu li l-istess konvenuta dejjem insistiet mal-attur għal stima. It-Tribunal, iżda, josserva li l-fatti juru l-kuntrarju. Kien biss fi stadju pjuttost inoltrat, jiġifieri mill-24 ta' Lulju 2018 'il quddiem (jiġifieri <u>tnax-il ġurnata</u> wara li konvenuta rċeviet id-*drawings* mingħand l-attur) li l-konvenuta bdiet tistaqsi kemm kien ser ikollha tħallas lill-attur. Anzi, hija qalet li kienet qed tistaqsi mhux għax hi riedet tkun taf, iżda għax missierha kien qiegħed jinsisti li jkun jaf.

**It-Tribunal josserva li kieku l-konvenuta kienet verament insistenti li riedet tkun taf il-prezz minn qabel, kienet tibgħat messaġġ jew *e-mail* b'din id-domanda, speċjalment ladarba jidher ċar li kien faċli għall-kontendenti li jikkomunikaw bil-messaġġi u bl-*e-mails*.**

It-Tribunal jirreferi għall-*e-mails* tat-12 ta' Lulju u s-17 ta' Lulju 2018. Meta kien ċarissimu li l-attur kien lesta x-xogħol tiegħu u saħansitra bagħat id-*drawings* u/jew pjanti lill-konvenuta, oltre li l-konvenuta damet ħamest ijiem biex wieġbet l-*e-mail* tiegħu, hija mbagħad wieġbet li l-materjal anness mal-*e-mail* kien jidher tajjeb. Jidher ċar minn dawn l-*e-mails* li l-konvenuta rat id-*drawings* tal-attur, frott tal-ħiliet professjonali tiegħu, u dawn għoġbuha. **Madankollu, meta hija xehdet (ara fol. 41 tal-proċess), hija qalet li qatt ma kienet rat ix-xogħol li kien għamel l-attur u anzi żiedet tgħid li l-attur talabha l-ħlas għal xi ħaġa li hija qatt ma rat.**Hawn, il-konvenuta tikkontradixxi lilha nnifisha u din il-kontradizzjonitnaqqas il-verosimiljanza tat-teżi tagħha.

Minn dan kollu, it-Tribunal jikkonkludi li l-konvenuta qatt ma wriet interess fil-kont finali ħlief fuq l-insistenza ta' missierha. Inoltre, il-konvenuta bdiet targumenta mal-attur dwar dan biss meta kien ben ċar li x-xogħol relattiv kien konkluż u kien jonqos biss id-dettalji bħal indirizzi u numri tal-karti tal-identità u firem sabiex l-applikazzjoni setgħet tiġi sottomessa lill-Awtorità tal-Ippjanar.

It-tielet eċċezzjoni tal-konvenuta hija li l-kont finali jinkludi servizzi li hija ma kinitx awtorizzatu li jipprovdi. L-*invoice* relattiva, li ġiet ippreżentata mal-Avviż tat-Talba, hija ċara fis-sens li tittratta *surveying works* tal-appartament, preparazzjoni tad-*drawings* relattivi, preparazzjoni tar-ritratti meħuda u l-applikazzjoni nnifisha. **Għalhekk, meta l-konvenuta teċċepixxi li din l-*invoice* tinkludi servizzi li hija ma awtorizzatux jippresta, hija essenzjalment qed tgħid li minkejja li hi daħħlitu fl-appartament tagħha darbtejn, huwa mid-dehra ma kienx awtorizzat jieħu qisien u ritratti u jagħmel *surveying works* sabiex eventwalment joħroġ bid-*drawings* relattivi!** Dan jirrażenta r-ridikolu. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenuta ikkoperat bis-sħiħ mal-attur u qatt ma tatu x'jifhem li ma riditx is-servizzi tiegħu. Anzi, kienet tkun hija stess li tfakkru biex jagħtiha appuntament biex iżur l-appartament tagħhom u kienet hija stess li qaltlu meta żewġha kien ser ikun id-dar sabiex hu jkun jista' jieħu iktar qisien! Għalhekk, il-konvenuta ma tistax issa targumenta li hija ma kinitx awtorizzatu jippresta s-servizzi relattivi.

Fir-rigward tal-aħħar eċċezzjoni, it-Tribunal josserva li din ma tagħmel ebda sens loġiku. Ir-raġel tal-konvenuta xehed li huma ġieli qabbdu periti fil-passat u kienu jħallsuhom. Il-konvenuta stess kienet

bagħtet *e-mail* pjuttost twil lill-attur (ara fol. 24) u qaltlu, fost affarijiet oħrajn, li ma kinitx qed tippretendi li hu ma kellux jitħallas. Kif diġà diskuss, il-konvenuta rat id-*drawings* li kien ħejja l-attur u dawn għoġbuha. Fid-dawl ta' dan, l-aħħar eċċezzjoni tal-konvenuta hija mingħajr ebda bażi. **Kif setgħet il-konvenuta tiddeċiedi li ma riditx aktar is-servizzi tal-attur meta s-servizzi tiegħu kienu kważi diġà pprestati kompletament u kien jonqos biss xi firem u informazzjoni oħra min-naħa tagħha sabiex il-proċedura titlesta?**

Għalhekk, it-Tribunal jiċħad l-ewwel, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet.

<u>*It-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta*</u>

Fit-tieni eċċezzjoni, il-konvenuta qalet li l-*invoice* tal-attur kienet nieqsa mid-dettal. It-Tribunal ma jsibx li din l-eċċezzjoni hija fondata. L-*invoice* datata 20 ta' Settembru 2018 tiddeskrivi x-xogħlijiet tal-attur b'mod dettaljat għall-aħħar.

Rigward rati wżati mill-attur, għalkemm dawn mhux imniżżlin, jirriżulta li l-attur spjega dan fix-xhieda tiegħu meta xehed li għamel jumejn *drafting* bir-rata ta' bejn €35.00 u €40.00 kull siegħa.

Għalhekk, lanqas din l-eċċezzjoni ma timmerita li tkun milqugħa.

<u>*Osservazzjonijiet oħrajn tat-Tribunal*</u>

Konflitt ċentrali huwa li filwaqt li l-attur qal li ż-żjarat tiegħu fl-appartament relattiv ħadu madwar sagħtejn jew tlett sigħat kull darba, il-konvenuta u żewġha qalu li l-attur ma damx iktar minn ħmistax-il minuta kull żjara. It-Tribunal assolutament ma jemminx li huwa possibbli li fi kwarta biss, perit jiġbor biżżejjed qisien u ritratti sabiex joħroġ bi *drawings* dettaljati bħal dawk li jinsabu a fol. 25 sa 30 tal-proċess. Oltre d-*drawings*, l-attur kellu ħin biżżejjed sabiex jinnota l-kompożizzjoni tal-faċċata, il-materjal tal-aperturi u r-*railings* u l-materjal li minnu kienu magħmulin il-bibien (ara fol. 25 tal-proċess). Għalhekk, anki jekk forsi l-attur ma damx sagħtejn jew tlett sigħat fl-appartament, it-Tribunal assolutament ma jemminx li dam biss kwarta jew għaxar minuti. Huwa sempliċement impossibbli li f'għaxar minuti, anki jekk f'żewġ żjarat ta' għaxar minuti, jinġabar dak id-dettal kollu. It-Tribunal lanqas ma jemmen li fiż-żjarat tiegħu l-attur qagħad biss idur mal-appartament ("*He just walked around the flat*").

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal, wara li qara l-atti, sema x-xhieda, ra d-dokumentazzjoni ppreżentata u sema' t-trattazzjonijiet relattivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta, jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur l-ammont ta' elf u tlett Ewro (€1,003.00).

Billi ma ġiex ippruvat li ġiet ippreżentata xi ittra uffiċjali, it-Tribunal jiċħad il-parti tal-Avviż tat-Talba fejn intalbu l-ispejjeż tal-istess.

It-Tribunal jordna li l-interessi relattivi għandhom jiddekorru mid-data tal-preżentata ta' din l-azzjoni.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuta.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**